2 ta' April, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Joseph Cost Chretien pr. et ne. *versus* Vincent Cassar ne.

**Patria Potestà — Obligazzjoni — Minuri — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 159 (3) tal-Kodiċi Ċivili, u art. 174 u 175 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-missier jista' jittrasferixxi beni mobili ta' uliedu li huwa jkollu l-amministrazzjoni tal-beni tagħhom, biex jimpjega bi qliegħ il-prezz tagħhom; u jista' wkoll idaħħal il-ħlas tal-kapitali li jkunu għalqu; iżda ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka ħwejjeġ oħra, u lanqas jissellef għal isem uliedu, jew jagħmel obligazzjonijiet oħra li joħorġu mill-limiti ta' l-amministrazzjoni ordinarja, ħlief f'każ ta' bżonn jew utilità ċara għall-ulied, u bis-setgħa mogħtija lilu mill-Qorti.*

*Il-Qorti tista' tordna l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, purkè din l-alterazzjoni ma taffettax sostanzjalment it-talba kif proposta. Korrezzjoni fis-sens li l-missier li jkun imħarrek f'isem ibnu jiġi mħarrek f'ismu proprju taltera sostanzjalment it-talba; u għalhekk il-Qorti ma tistax tordna dik il-korrezzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur proprio et nomine talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attur ħa miegħu lil ibnu minuri George fil-pellegrinaġġ nazzjonali li sar għal Fatima, u mingħajr ebda motiv la ħallas u lanqas irid iħallas il-passaġġ relativ, li jammonta għal £79. 10. 0, il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £79. 10. 0 għar-raġuni premessa; bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar 1949, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, kif jidher mill-atti taċ-ċitazzjoni, il-konvenut ma ġiex ċitat personalment, imma bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu George Cassar — dak li jimporta li l-obligazzjoni li għaliha saret il-kawża kienet tal-minuri direttament, kontra tata mill-missier għalih;

Tikkunsidra fid-dritt;

Illi skond l-art. 159 (3) tal-Kap. 23, Kodiċi Ċivili, dwar l-effetti tal-"patria potestas" fuq il-ħwejjeġ tat-tfal minuri, il-missier ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka ħwejjeġ oħra barra minn dawk imsemmija fl-istess artikolu taħt in-numri (1) u (2), u lanqas jista' jisselef għal isem uliedu jew jagħmel obligazzjonijiet oħra li joħorġu mill-limiti ta' l-amministrazzjoni ordinarja, ħlief f'każ ta' bżonn jew ta' utilità ċara u bis-setgħa mogħtija mill-Qorti;

Illi kwindi l-liġi fl-artikolu msemmi tgħid x'attijiet jista' l-missier jagħmel dwar il-ħwejjeġ tat-tfal minuri, bla ebda kondizzjoni u liberament, u dawk li ma jistax jagħmel liberament, iżda jkun jista' jagħmel kondizzjonatament. Għal dawn l-aħħar attijiet imsemmija l-kondizzjonijiet sabiex il-missier ikun jista' jagħmilhom, huma (a) il-każ ta' bżonn jew ta' utilità ċara, (b) u l-otteniment ta' l-awtorizzazzjoni jew setgħa tal-Qorti — f'liema każ il-liġi tinduċi li dawk l-attijiet joħorġu mill-limiti ta' amministrazzjoni ordinarja jispetta lill-Qorti skond il-każi tiddetermina, għalkemm il-liġi ma tiddefinix liema huma dawk l-attijiet li joħorġu mill-ordinarja amministrazzjoni — sistema li adotta kważi dejjem il-leġislatur tagħna mħabba l-prinċipju li d-definizzjonijiet huma perikolużi. Eppure huwa risaput fid-dottrina, u anki msemmi f'ċerti kodiċijiet kontinentali, li għandhom ikunu ritenuti li joħorġu mill-amministrazzjoni ordinarja dawk l-attijiet kollha li bihom jista' jiġi mnaqqas il-patrimonju tal-minuri, fosthom l-aljenazzjonijiet, ipoteki, rahanijiet u self, u li, per konverso, ma jidħlux taħt d'ka l-klassifika dawk l-attijiet li jservu sabiex jiġu konservati d-drittijiet jew patrimonju ta' l-istess minuri;

Illi fil-ħsieb ta' dina l-Qorti l-obligazzjoni tal-minuri għall-ispiża tal-passaġġ għall-vjaġġ imsemmi la kienet neċessarja jew evidentement utili lill-minuti, u lanqas ġiet assunta mill-missier bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti; u l-istess, bħala li l-minuri kellu jirrifondiha, kienet pależement tiġi tnaqqas il-patrimonju tiegħu bħal ma jnaqqsu s-self;

Illi kwindi dik l-obligazzjoni hija nulla u ineffikaċi;

Illi l-attur talab li jdaħħal lill-konvenut personalment fil-kawża, skond il-verbal tat-30 ta' Marzu 1949. Jingħad però li dik it-talba, li ġiet opposta mill-konvenut, mhix per-

messa. U tabilħaqq, il-liġi, skond l-art. 174 tal-Kap. 15 (Proċedura Ċivili), trid li kull att taċ-ċitazzjoni, fost affarijiet oħra, irid jikkontjeni l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta huwa l-każ, l-isem li fih jidhru l-partijiet, ċjoè f'liema interess ikunu jidhru; u kwindi jekk l-attur ħarrek direttament lit-tifel minuri għall-obbligazzjoni "de quo", mhux leċitu għalih illum jitlob, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut Vincent Cassar, li tiġi magħmula l-aġġunta li talab, li timporta r-responsabilità tal-konvenut proprio, u mhux nomine, kif saret it-taħrika;

Huwa minnu li skond l-art. 175 tal-kap. 15 Proċedura Ċivili l-Qorti tista' tordna korrezzjonijiet, basta li ma jkunux jaffettaw sostanzjalment it-talba kif proposta; imma bejn korrezzjoni ta' żball fl-isem u fil-kwalità u aġġunta li timporta alterazzjoni hemm differenza kbira. Huwa fatt li l-aġġunta mitluba taltera sostanzjalment it-talba, in kwantu f'lok it-tifel tal-konvenut, li l-attur jirritjeni responsabili għall-ħlas mitlub skond it-talba oriġinali, bl-aġġunta jkun responsabili l-attur personalment. Del resto, aġġunti korrettivi, biex insejħulhom hekk ġenerikament, ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell li fihom infushom jalteraw is-sustanza ta' l-att taċ-ċitazzjoni (ara Appell 18 ta' Novembru 1921 in re "Theuma vs. Speranza", Vol. XXIV, P. I, paġ. 872), u mhumiex permessi li jsiru anki minn dina l-Qorti (ara in ispeċie paġina 874 fil-bidu);

Illi kwindi l-aġġunta mitluba ma tistax tiġi akkordata;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi l-ewwelnett billi tiċħad it-talba għall-aġġunta mitluba mill-attur fil-verbal tat-30 ta' Marzu 1949; u fil-meritu tiċħad it-talba; riżervata lill-attur kwalunkwe azzjoni "si et quatenus" kontra Vincent Cassar personalment;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.